**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH LL.D.**

**Distrett Qormi**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Borg**

**Illum, 18 ta' Frar, 2022.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet maħruġa fil-konfront ta' Paul Borg bil-karta tal-identità tiegħu 465160M, li permezz tagħhom ġie akkużat talli fl-14 ta' Ottubru 2019, għal ħabta ta' 17.30 hrs, fuq il-bejt tar-residenza, 17, Sebastianus, Triq Sagħtar, Qormi:

1) *Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;*
2) *Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil Raymond Cassar u Sarah Cassar;*
3) *Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b' xi mod ieħor lil Raymond u Sarah Cassar;*
4) *U aktar talli volontarjament, ħassar jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor.*

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija, tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi;

Semgħet ammissjoni dwar it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata mill-imputat, wara li ngħata żmien biex jirrikonsidra;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat;**

**Provi Prodotti**

**Catherine Cassar** spjegat li l-inċident sar fl-14 ta' Ottubru 2019, għal ħabta tal-ħamsa u nofs, f'Evergreen, Triq is-Sagħtar, Qormi. Spjegat li Paul Borg huwa l-ġar tagħhom u joqgħod f'Sebastian, Triq is-Sagħtar, Qormi. Spjegat li hija kienet isfel u tisma' l-għajjat. Qalet li bintha laħqet telgħet fil-*washroom* tal-bejt tagħhom qabilha. Sostniet li Paul Borg beda jkellem lil bintha b'mod ħażin. Sostniet li Paul Borg kisser ħġieġa, u hija ħarġet tkellmu bl-edukazzjoni kollha, fejn talbitu jinżel isfel. Sostniet li bintha kienet qalet lil Paul Borg, biex joqgħod attent kif ikellem lil missierha. Xehdet li lil żewgha, ma qaltlu xejn. Sostniet li hi u bintha kienu ġol-kamra ta' fuq il-bejt, u r-raġel tagħha kien fuq il-bejt. Paul Borg kien qiegħed fuq dik il-biċċa li kien bena. Ikkonfermat li bintha qatt ma marret fuq in-naħa l-oħra.

Ikkonfermat li Paul Borg kellu sikkina f'idejh. Ratu jkisser il-ħġieġa bil-*gun* tas-silicone li kellu f'idejh. Sostniet li Borg ried jagħti lil żewgha bis-sikkina. Sostniet li Borg hedded lil żewgha li kien ser joqtlu b'dik is-sikkina, filwaqt li beda jxejjer is-sikkina lejn żewgha. Ikkonfermat li kien hemm preżenti wkoll, mart Paul Borg.

In kontroeżami, hija sostniet li hija qalet lil Paul Borg biex jinżel 'l isfel, iżda ma qalitx hekk lil żewgha wkoll. Sostniet li għamlet hekk għax kien Borg li kellu l-armi

f'idejh. Ċaħdet li bintha għajjret lil Borg miġnun. Sostniet li bintha kienet beżgħana u titriegħed minħabba dak li kien qed jigri. Spjegat li s-sikkina kienet ippuntata. Ikkonfermat li Borg kien qed jagħmel xi xogħolijiet li kellhom bżonn is-*sealer*.

**Raymond Cassar** xehed li Paul Borg huwa ġar tiegħu, u meta seħħ l-inċident, Borg kien qiegħed jagħmel xi xogħol fuq il-proprjetà tiegħu, u huwa dehrlu li kellu jmur ikellmu, biex iħallasu ta' dik il-biċċa li qiegħed juża mill-proprjetà tiegħu bħala appoġġ. Sostna li Borg saqqaf biċċa fuq il-bejt tad-dar tiegħu. Sostna li huwa mar ikellmu minn fuq il-bejt tiegħu bil-kelma t-tajba, u Paul Borg qabad jirrabja u jkellmu ħażin. Sostna li huwa, kull ma għamel kien, li qallu li ser jiltaqgħu l-Qorti. Huwa eżebixxa sett ta' ritratti. Spjega li bintu kienet fil-bieb tal-bejt tagħhom, u qatt ma ċċaqilqet minn hemmhekk. Sostna li Paul Borg beda jgħid ħafna kliem hażin lil bintu, u kisser ukoll il-ħġieġa tal-bieb tal-*washroom*.

Sostna li xħin Borg kissirlu l-ħġieġa, huwa qabad il-*mobile* u beda jirrekordjah. Sostna li dak il-ħin, huwa qallu biex ikompli jkisser 'ja purċinell', u f'dak il-ħin, Borg mar ġab sikkina f'idejh, filwaqt li neħħa l-*gun* tas-silicone. Sostna li martu wissiet lil Borg biex joqgħod attent, għax hu kien qed jeħodlu l-*video*, iżda Borg ġab is-sikkina. Sostna li meta neħħa s-sikkina, mar iġib driller min-naħa l-oħra tal-bejt biex iwaddbu lejh. Sostna li Borg tella' saqajh fuq iċ-ċinta tal-bejt tiegħu, biex jinżel għalih, u qallu kemm-il darba li kien ser imiddu, fost theddid ieħor. Sostna li mbagħad, huwa daħal 'il ġewwa ma' martu u bintu.

In kontroeżami, huwa ċahad li tela' fuq il-bejt biex jaqla' ġlieda. Spjega li huwa mar ikellem lil Borg fuq l-appoġġ. Sostna li Borg mar ġab is-sikkina, għax din kienet fuq iċ-ċint tan-naħa l-oħra. Spjega li dan mar għas-sikkina, wara li martu wissiet lil Borg, li huwa kien qed jiġi ffilmjat. Sostna li mbagħad, ġab id-driller ukoll. Spjega li mar ġab is-sikkina biex ibeżżgħu. Spjega li Borg beda jxejjer is-sikkina. Sostna li d-driller kien qed jaħdem bih, iżda dan mar għalih biex iwaddbu lejh. Ċaħad li bintu bdiet toħroġ is-sebgħa tan-nofs lil Borg. Ċaħad li bintu offendiet lil Borg.

**Sarah Cassar** eżebiet *pendrive* bil-*video* tal-inċident, li ġie *extracted* mill-*mobile* ta' missierha., minnha stess. F'seduta oħra, hija spjegat li fl-14 ta'Ottubru 2019, għal ħabta tal-ħamsa u nofs, kienet id-dar tagħha bl-indirizz, 13, Evergreen, Triq is-Sagħtar, Qormi, meta semgħet xi għajjat bejn missierha u Paul Borg. Qalet li semgħet xi kliem ta' thedid u ta' insulti versu missierha, u għalhekk, telgħet biex tara x'qed jiġri. Sostniet li xħin telgħet fuq, hija indirizzat lil Paul Borg, u talbitu biex ikellem lil missierha b'mod sew. Ikkonfermat li missierha kien fuq il-bejt tad-dar tagħhom. Paul Borg kien ġol-proprjetà tiegħu. Sostniet li Paul Borg offendiha.

Kompliet tgħid li Paul Borg tela' fuq iċ-ċint tad-dar tagħhom, u bil-*gun* tas-*sealer* li kellu f'idejh, faqa' l-ħġieġa tal-bieb tal-*washroom* tagħhom.

Kompliet tgħid li mbagħad, missierha ħareġ lura fuq il-bejt, u hija baqgħet fil-bieb tal-*washroom*. Sostniet li beda jinġibed il-filmat, u fih jidher Paul Borg jhedded lil missierha b'sikkina u bi *driller*. Sostniet li mbagħad, daħlu 'l ġewwa u ċemplu lil Pulizija. Ikkonfermat li baqgħet fil-kamra tal-bejt. Sostniet li d-daqqa li ngħatat minn Borg, kienet intenzjonata, u ma ngħatatx bi żball. Sostniet li dan żamm b'id waħda ma' ħadida biex ma jaqax, u bl-oħra kisser il-ħġieġa. Ikkonfermat li kien hemm rabja kbira da parti ta' Borg.

In kontroeżami, hija sostniet li telgħet meta l-argument kien ġià beda. Ċaħdet li hija għajret lil Paul Borg miġnun. Ċahdet li uriet is-seba' tan-nofs lil Borg. Sostniet li hija telgħet fil-kamra ta' fuq il-bejt biex tara x' kien qed jigri. Sostniet li Borg hedded lil missierha b'sikkina u bi driller. Insistiet li hija dejjem fejn il-kamra tal-bejt baqgħet.

**Margaret Borg** spjegat li Paul Borg huwa żewgħa. Is-sinjuri Cassar huma girien u żewgħa kien qiegħed fuq it-terrażżin gol-proprjeta' tagħhom. Spjegat li semgħet lil Raymond Cassar jgħid xi kliem lil żewgħa u wara ftit, semgħet lil bint Raymond Grech toffendi lil żewgħa filwaqt li turih is-seba' tan-nofs. Sostniet li bint Raymond, indirizzat lilha wkoll, u qaltilha li żewgħa ma kienx sew. Sostniet li żewgħa kien qed jaħdem bi *driller,* u kellu s-*sealer gun*.

In kontroeżami, hija spjegat li telgħet fuq il-bejt għax kien hemm ir-raġel qiegħed jaħdem. Hija ċaħdet li ntqal xi diskors dwar xi appoġġ. Ikkonfermat li Sarah Cassar kienet fil-*washroom* tad-dar tal-ġenituri tagħha. Sostniet li żewgha offenda lil Sarah Cassar wara li hi bdiet toffendih. Ċaħdet li żewġha kien hedded lil Raymond Cassar. Sostniet li s-sikkina kienet f'idejh għax kien qed jużaha waqt ix-xogħolijiet, u għalhekk, waqt li kien qed jitkellem, żewġha kien qed ixejjer is-sikkina. Ikkonfermat li tkissret ħġieġa, iżda din ma ġietx imkissra intenzjonalment.

In rieżami, hija spjegat li Sarah Cassar kienet fuq il-bejt tad-dar tal-ġenituri tagħha, meta nsulentat lil żewġha.

**Paul Borg** xehed li dakinhar tal-inċident, huwa kien fuq il-bejt jagħmel xi xogħolijiet, meta telgħet tonxor fuq il-bejt, mart Raymond Cassar. Spjega li mbagħad, tela' Raymond Cassar u beda jgħidlu li t-tinda ser tiġi għolja. Spjega li huwa ma tax każu. Spjega li huwa għajjar lil Cassar, u Cassar għajjru wkoll. Insista li Raymond Cassar tela' fuq il-bejt b'intenzjoni, għaliex kien lest biex jieħu filmat. Sostna li meta ndaħlet Sarah Cassar, huwa kien irrispondiha li ma' missierha kellu x'jaqsam, u mhux magħha. Sostna li din bdiet tgħajjru u toffendih, filwaqt li urietu s-seba' tan-nofs. Ikkonferma li s-sikkina li kellu kienet waħda tonda, biex taqta' s-*sealer*. Huwa nsista li ma ta fastidju lil ħadd. Ikkonferma li huwa xejjer idejh, u laqat il-ħġieġa. Sostna iżda, li huwa ma ridx ikissirha. Sempliċiment laqat il-ħġieġa b'idu. Sostna li huwa ma jafx jekk kienx tela' ċ-ċint baxx li hemm. Sostna li huwa laqat il-ħġieġa bi żball, u li din il-ħġieġa kienet f'pożizzjoni baxxa.

In kontroeżami, huwa ċaħad li ta daqqa mal-ħġieġa bl-intenzjoni li jkisser l-istess ħġieġa. Sostna li huwa kien qed itaqqab it-toqob bid-*driller*. Sostna li huwa ma kellux intenzjoni li jwaddab id-*driller*. Sostna li Sarah Cassar baqgħet dejjem fuq il-bejt tal-proprjetà ta' Cassar.

**Ikkunsidrat;**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, għandu jingħad li din il-kontravenzjoni taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, hija dik li fil-Liġi Ingliża hija 'a breach of public peace'. Dan ifisser li persuni oħra, jkunu beżgħu għall-inkolumità tagħhom waqt l-inċident. Jirriżulta wkoll, li din il-kontravenzjoni tirriżulta jekk l-inċident ikun seħħ fil-pubbliku u f'post pubbliku, u mhux f'proprjetà privata (Vide Pulizija vs Rose Parnis, deċiża fis-27 ta' Jannar 2011, minn din il-Qorti, hekk kif diversament ippreseduta).

Issir referenza għal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell, fil-kawża fl-ismijiet, Il-Pulizija versus Maria Conċetta Green, deċiża fid-19 ta' Novembru 1999; Volum LXXXIII.iv.441:

> *"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat)*

*dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

*L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali."*

F'Il-Pulizija vs. Noel Tanti, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Mejju 2005, intqal:

*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" [5.5.1995] irreat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil- "common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace." Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumità fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumità ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" [23.6.1994], imbagħad ġie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kunċett Ingliż ta' "breach of the peace", tirrisali għal żmien Sir Adriano Dingli, li proprju f'kawża deċiża minnu fl-10 ta' Ġunju, 1890, fl-ismijiet: "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.", kien qal hekk:-

*"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , -- nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).*

Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil, ġew ċitati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon, li fil-ktieb tagħhom, "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992), jgħidu:-

*"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed."* (p.192)

Dik il-Qorti żiedet tgħid li:-

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):*

*"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case , and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985,para.41- 01)…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance ." (p.986, para. 41-04).*

*Ikkonsidrat;*

*Issa li kieku kellu jirrizulta li fit-triq barra l-ghassa kien hemm xi diverbju "a voce alta" li seta' gibed l-attenzjoni tan-nies jew li seta' holoq certa apprensjoni fost dawk li kienu vicin, wiehed jifhem li setghet talvolta tirrizulta l-kontravvenzjoni in dizamina. Pero' fl-istat tal-provi fejn kull ma hemm hija d-depozizzjoni ta' mart l-appellant kontradetta mic-cahda tal-istess appellant dwar jekk hu ghajjatx jew le meta kien qal il-kliem in kwistjoni, din il-Qorti thoss li din il-kontravvenzjoni ma gietx sufficjentement pruvata, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz."*

Fil-kawza, Il-Pulizija vs Pio Galea, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-17 ta' Ottubru 1997, deċiża fis-17 ta' Ottubru 1997, fejn intqal li biex jissussisti dan ir-reat:

> *"irid ikun hemm, bhala regola, ghemil voluntarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil jsehh, jnissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita fizika ta' persuna kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil."*

Fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, meta kkunsidrati fl-isfond tal-fatti li fihom seħħ dan l-inċident, din il-Qorti tqies li din l-ewwel imputazzjoni, ma ġitx ippruvata. Dana peress li l-inċident ma sarx fil-pubbliku, iżda fil-proprjetajiet rispettivi ta' Paul Borg u ta' Raymond Cassar.

Dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni, dawn ġew ammessi.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, kif sollevat mid-difiża, jiġi sottolinjat li ma hemmx indikat, abbażi ta' liema subartikolu qed jiġi akkużat l-imputat. 8 Lanqas fis-smigħ ta' din il-kawża, ma ġew prodotti xi rċevuti, jew ngħatat xi xhieda dwar il-valur tal-oġġett miksur. In fatti, lanqas ma tirriżulta xi indikazzjoni tal-prova tal-valur tal-ħsarat, li allegatament ġiet ikkaġunata.

Skont is-sentenza fl-ismijiet, Pulizija vs Joseph Cutajar, deċiża nhar it-23 ta' Settembru 2005, mill-Imħallef Vincent Degaetano, il-Qorti tal-Appell irriteniet is-segwenti:

> "*Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kuljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara (jew tal-valur ta' l-oggett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-ligi (ez. jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din neccessarjament iggib ikunu inutili u ghalhekk ingustifikati."* (Ara wkoll Pulizija vs Lorita Pace, deċiża nhar is-7 ta' Diċembru 2006, mill-Imħallef Joe Galea Debono).

Ġew identifikati tliet metodi kif il-ħsara tista tiġi kkwantifikata, ai fini tal-prova tal-akkużi., taħt l-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminal,i u ċioè billi (i) jew tiġi apprezzata

direttament mill-ġudikant, fis-sens li jekk il-ġudikant ikun jifhem biżżejjed, jista' jiddetermina huwa stess l-ammont tal-ħsara, billi jeżamina l-oġġett in kwistjoni; jew (ii) il-parti leża tgħid kemm effettivament ħallset, biex issir it-tiswija ta' jew fi l-oġġett; jew (iii) billi jitqabbad perit mill-Qorti biex jagħti l-fehma tiegħu dwar l-ammont tal-ħsara. Dawn il-metodi jiġu utilizzati biss, meta ma jkunx hemm qbil bejn il-partijiet.

F'dan il-każ, il-prova dwar il-valur hija kompletament nieqsa. Per konsegwenza, din il-Qorti sejra tillibera lill-imputat mir-raba' imputazzjoni.

**Decide**

**Għar-raġunijiet hawn fuq premessi, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża, billi tillibera lill-imputat mill-ewwel u r-raba' imputazzjoni, filwaqt li fuq ammissjoni, u wara li rat l-Artikoli 339(1) (b) u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni, u tikkundannah ħlas ta' ammenda ta' ħamsin Ewro (€50).**

**Wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed torbot lill-ħati li jżomm il-kwiet u l-bon ordni ma' Raymond Cassar u Sarah Cassar, għal żmien sena mil-lum, taħt penali ta' elf Ewro (€1,000).**

**Magistrat Dr. Simone Grech LL.D.**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**